# L-Istatwa Ta' Stella Maris
# 1891 - 1991

Kif ilkoll nafu din is-sena, bil-ghajnuna t'Alla, qed infakru gheluq l-ewwel mitt sena mindu l-istatwa ta' Stella Maris ingiebet fostna minn Franza. Dan ma jfissirx li d-devozjoni lejn Ommna Marija, taht it-titolu sabih ta' Kewkba tal-Bahar, nibtet f'qalb missirijietna mitt sena ilu biss. Anzi, kif jghidulna bosta, kotba storici, l-ewwel kappella li nbniet gewwa Tigne' kienet iddedikata lill-Madonna tal-vjagg it-tajjeb u dan kien fis-seklu sittax. L-istess, l-ewwel knisja parrokjali Mattrici ta tas-Sliema li giet miftuha w imbierka nhar il- 11 ta' Awissu 1855, giet iddedikata lill-Marija Ommna Kewkba tal-Bahar. L-ewwel festa titulari kienet giet iccelebrata gimgha wara. Izda l-ewwel festi titulari ta' Marija Stella Maris kienu jsiru minghajr il-purcissjoni. Kien l-ewwel kappillan, Dun V. Manche' li habbrek hafna biex il-festa titulari tkun kompluta ghal l-ahhar bill-processjoni w naturalment, kien ta' sodisfazzjon kbir ghalih meta fis-sena 1886, l-isqof Buhagiar kien ta' l-permess mehtieg. Inzerta li l-gzejjer maltin dik il-habta kienu qed jigu mahkuma minn sensiela ta' terrimoti, ghalekk l-ewwel processjoni kienet inzammet taht forma ta' pellegrinagg penitenzjali.

Pero statwa titulari kien ghad ma hemmx. Kien gie mqabbad l-istatwarju mgharuf Carlo Darmanin li ppresenta buzzett, li milli jidher ma tantx kien intghogob. Ghal festa tal-1887, kienet izzanznet statwa ta' Mastru Vincenzo Cremona, statwarju li twieled il-belt Valletta w li ta' eta zghira, kien gie joqghod gewwa tas-Sliema w li kellu l-hanut tax-xoghol tieghu gewwa triq il-Kattidral, fejn illum insibu mahzen ta' irkantatur. Dan Cremona, fis-sena 1872, kien tana l-istatwa sabiha w devota ta' Marija Addolorata li b'xorti hazina kienet inqerdet bil-bombi tal-gwerra meta kienet iggarfet parti kbira mill-knisja.

Izda milli jidher, l-anqas il-vara ta' Cremona ma ntghogbot u bit-thabrik taz-zelanti Dun Guzepp Fabri w tas-sinjuri Albert u Carmelo Tabone, fis-16 ta' Awissu 1891 ingiebet fostna l-istatwa devota w majestuza li ghadna ngawdu sa llum. B'tiftix li ghamel il-habib taghna s-sur Bisazza, nsibu din is-silta bit-taljan mehuda mill-gazzetta *'Il-Risorgimento'.*

***Jeri verso le 6 p.m. venne trasportata alla Parrocchia della Sliema, in mezzo al suono dlla banda I Cavalieri di Malta e di numeroso popolo, la nuova statua deela Vergine Stella Maris.***

***In Chiesa si trovava Mons. Vicario Generale, il quale benedi la statua.***

***Questa veramente bella e pregevole opera d'arte fu eseguita a Parigi. La Vergine e i due angeli hanno un'espresione nel volto divina.***

***Sentiamo che il costo della statua superi le £100.***

***Abbiamo, e con noi quanti si trovano jeri in Chiesa, ammirato il lavoro d'intaglio del pedistallo della suddetta statua fatto del noto artista signor Paolo Bugeja, e la sua indoratura, una vera bellezza dell' artista signor Giuseppe Farrugia.***

***A tutti un bravo di cuore.***

***Ed a proposito della Sliema, sabato e domenica prossima vi saranno illuminazione, giochi pirotecnici, processione, musica all'interno dell tempio e bande cittadine all'estero, ricorrendo la festa titolare di quella Parrocchia.***

Ftit taz-zmien ilu, kont qed nithadded mas-sur J.B. Vella w qalli li nannuh, is-sur Pinu Vella, li dak iz-zmien kien sagristan, dejjem kien jirrakkonta bliema entuzjazmu kienet giet milqugha din il-vara l-gdida w kif kienu baqghu sorprizi bil-gmiel taghha tant li kienu jsejhula "L-ghaxqa

ta' tas-Sliema".

Originarjament, l-istatwa tal-Madonna kienet ta' kulur celesti bi stillel zghar rosa. Izjed tard, jigifieri fl-1915 kienet saret l-induratura w l-izgraffjar mid-ditta Coleiro tal-belt Valletta. Il-pedestal tal-injam li fuqu tistrieh l-istatwa ta' Stella Maris, inhadem minn Paolo Bugeja w l-induratura tieghu saret minn Giuseppe Farrugia.

Meta l-knisja taghna intlaqtet bill-bombi tal-gwerra, il-vara ta' Stella Maris garrbet xi hsarat u kella tigi rrangata flimkien mal-pedestal. Xoghol iehor ta' restawr sar fl-1970 minn Antonio Zammit tal-Imqabba. Izda l-aqwa bicca xoghol ta' restawr u tindif fl-induratura ghamilha b'ghaqal kbir is-sur Horrace Farrugia ta' l-Imdina filwaqt li l-Kavallier Alfred Camilleri Cauchi rrestawra l-ucuh u l-karnaggjon. Dan ix-xoghol sar is-sena li ghaddiet, biex din is-sena, li kif ghedna fil-bidu, jahbat gheluq l-ewwel centinarju ta' meta ingiebet fostna l-istatwa ta' Stella Maris, tkun tista' tigi apprezzata izjed.

J'Alla din ix-xbieha sabiha ta' Marija Ommna Kewkba tal-Bahar, ma tibqax biss ghalina statwa ghaziza, izda li ghanda dejjem tfakkarna f'Din Ommna li dejjem tiehu hsibna. U jekk din ix-xbieha maghmula minn xi hadd, li sal-lum ghadu mhux maghruf hi daqsekk sabiha, kemm Hi isbah Omm Alla w Omm l-Univers.

*Mario Formosa Holt.*

---


**Films li sejrin jintwerew fic-cinema matul Awissu, Settembru w Ottubru.**

| | |
|---|---|
| The Hardman | Awakenings |
| Kindergarten Cop | L.A. Story |
| Green Card | Three Man & A Little Lady |
| Robin Hood Prince Of Thieves | Quigley Down Under |
| Blood Oath | Highlander 2 - The Quickining |
| White Fang | Jetsons - The Movie |
| The Russia House | Bonfire Of The Vanites |
| Godfather Part III | Graveyard Shift |
| The Doors | Look Who's Talking Too |
| King Ralph | Hamlet |

**Films mahruga mill-*KRS Films Distributors Ltd***